TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 134/21/F

**Oriana Cutajar**

**vs**

**Blue Sky Furniture Limited**
**(Kasarreda Malta)**

Illum, 4 ta' Jannar 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar l-10 ta' Awwissu 2021 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra li s-soċjetà intimata ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bil-formola tar-Risposta nhar l-24 ta' Settembru 2021 f'idejn ċertu "Nikolai Attard";

Ra lis-soċjetà intimata naqset milli tippreżenta risposta u naqset ukoll milli tidher għas-seduta tal-25 ta' April 2022 li għaliha kienet debitament notifikata;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti bil-ġurament.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tagħha, ir-Rikorrenti qed titlob li tiġi rifuża s-somma ta' €950 mis-soċjetà intimata;

Illi fix-xhieda tagħha bil-ġurament, ir-Rikorrenti spjegat illi hija kienet xtrat sufan mingħand is-soċjetà intimata għall-prezz ta' €799 li madankollu, wara ftit, żviluppa tiċrita fonda fil-materjal. Tgħid li għaliha "xorta jekk is-sufan jinbidilx jew li tiġi mħallsa l-valur tiegħu".Tgħid li hija qed tirreklama ukoll l-ammont ta' €150 bħala dak li fil-fehma tagħha għandu jkun "tnaqqis" mill-prezz ta' kċina minħabba li bieba minnhom għandha daqqa fuqha. Ir-Rikorrenti spjegat kif hija kienet ilha ħafna tipprova tikkuntattja lis-soċjetà intimata bil-mira li tinsab soluzzjoni bonarja għal

dawn il-kwistjonijiet u f'punt minnhom kienu qalulha li s-sufan ser jiġi mibdul iżda wara li dan baqa' ma seħħx, bdew jinjoraw it-telefonati tagħha;

Illi t-Tribunal jifhem li bil-mod kif hija postulata l-azzjoni, ir-rimedju prospettat mir-Rikorrenti huwa sabiex hija sabiex (1) is-sufan difettuż jiġi mibdul jew jiġi maħlul il-bejgħ u li tiġi mħallsa lura l-valur tiegħu, ossija l-hekk imsejjħa *actio redhibitoria* u (2) li tiġbor lura parti mill-prezz imħallas minnha għall-kċina minħabba li hemm bieba difettuża, ossija l-hekk imsejjħa *actio aestimatoria*;

Illi l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]"*;

Illi jirriżulta għalhekk li dak li qed titlob ir-Rikorrent jinkwadra fil-parametri tad-drittijiet legali tagħha bħala Konsumatur;

Illi t-Tribunal iqis li li r-Rikorrenti rnexxielha tipprova l-każ tagħha skont il-liġi;

Illi intant, bis-silenzju tagħha, is-soċjetà intimata effettivament naqset milli tikkontesta l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrenti u dan minkejja li kellha kull opportunità li kieku riedet;

Illi skont il-Qrati tagħna "ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant ankè fis-sistema tal-liġi tagħna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propożitu deċiżjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn ġie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*" (***Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd***, PA, deċ. 13.10.2004);

Illi għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu, it-Tribunal iqis li t-talba ta' €150 magħmula mir-Rikorrenti fir-rigward tal-bieba tal-kċina hija verosimili u ġusta u għalhekk, ukoll tistoqq akkoljiment.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba hekk:

1. Filwaqt li jiddikjara l-bejgħ tas-sufan bħala xolt, jikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' seba mija u disa' u disgħin Euro (€799.00) rappreżentanti l-valur tas-sufan in kwistjoni, b'dana li s-soċjetà intimata jkollha d-dritt li tiġbor lura s-sufan mingħand ir-Rikorrenti;

2. Jikkundanna ukoll lis-soċjetà intimata tħallas s-somma ta' mija u ħamsin Euro (€150.00) rappreżentanti tnaqqis mill-valur tal-kċina;

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu tas-soċjetà intimata.

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***